# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 20, 2001

*Avviz. Nru 1698/00 AJD*

Sputnik Precision Engineering Co.Ltd.

vs

KCA Plastics Ltd.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma mija u disgha u tmenin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm189.75), rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' 'engraving of inserts in mould, plotting, drawing & machinery' u VAT relattiv skond invoice li jgib in-numru tlet elef mija u erbghin (3140) (Dok. A). Dan ix-xoghol gie debitament accettat mis-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Jannar, 2000, u bl-imghaxijiet legali mill-eghluq ta' tletin gurnata mid-data tal-invoice u cioe' mis-26 ta' Lulju, 1999, kontra s-socjeta konvenuta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru, 2000, fejn is-socjeta' attrici talbet l-isfilz tar-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta stante li din giet prezentata fuori termine u d-digriet fejn gie ordnat l-isfilz tal-istess risposta.

Sema' x-xhieda ta' Tonio Bugeja, rapprezentant tas-socjeta' attrici, Martin Gauci, Ramon Refalo u ta' Manuel Spiteri, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi ghalkemm gie ordnat l-isfilz tar-risposta tas-socjeta' konvenuta stante li l-istess risposta ma gietx prezentata entro t-terminu prefiss mill-ligi, r-rappresentant tas-socjeta' konvenuta xorta inghata l-opportunita' li jixhed.

Illi mix-xhieda tieghu jirrizulta li r-raguni ghaliex is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li teffetwa l-hlas tal-ammont mitlub mis-socjeta' attrici fl-Avviz huwa ghaliex ix-xoghol konsenjat ma kienx tal-kwalita' patwita fis-sens li dan ix-xoghol ta' 'precision engineering' kellu jkun 'three dimensional' izda x-xoghol li gie konsenjat kien 'two dimensional'. Manuel Spiteri, ir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta, izda ammetta li huwa qatt ma lmenta dwar dan mas-socjeta' attrici u dan nonostante li gie nterpellat ihallas mill-istess socjeta' attrici f'diversi okkazjonijiet kif jirrizulta minn Dok. TB1, Dok. TB2 u Dok. TB3.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed ukoll li x-xoghol li gie konsenjat ghadu ghand is-socjeta' konvenuta u qatt ma gie ritornat lura lis-socjeta' attrici.

Illi inoltre x-xhud Martin Gauci, li huwa konsulent tas-socjeta' konvenuta, u li kien il-pesuna nkarigata mill-istess socjeta' konvenuta sabiex tordna x-xoghol minghand is-socjeta' attrici, ikkonferma li huwa kien accetta l-konsenja tax-xoghol minghand is-socjeta' attrici ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u li wara li kkonsenja l-istess xoghol lil din tal-ahhar, huwa qatt ma sema' xejn aktar dwar dan ix-xoghol minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi jirrizulta ampjament li s-socjeta' konvenuta qed tressaq l-ilment li x-xoghol in kwistjoni ma kienx tal-kwalita' patwita biss bhala skuza biex ma teffetwax il-pagament tal-prezz tal-istess xoghol lis-socjeta' attrici. Inoltre jekk is-socjeta' konvenuta verament dehrilha li x-xoghol ma kienx tal-kwalita' patwita kellha l-oportunita' tirritorna lura x-xoghol u tiehu l-passi previsti mill-ligi f'dawn il-kazijiet, izda hija naqset milli taghmel dan.

Ghaldaqstant peress li t-Tribunal jidhirlu li t-talbiet attrici jirrizultaw sopddisfacentement pruvati, huwa jilqa' din it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u tmenin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm189.75) bl-imghaxijiet mill-eghluq ta' tletin gurnata mid-data tal-invoice u cioe' mis-26 ta' Lulju, 1999, sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Jannar, 2000,

ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR